GUDJA

Minuti tad-disa' u għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju 2011.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Kunsillieri; | Mark Anthony Sammut u Anthony Dalli |
| Skużat: | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillier; | Osvaldo Pace |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 28/6 (20/04/2011)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun) u Bankina fi Triq William Baker Gudja – Progress

5. Ittra ta' l-Awditur tal-Gvern u r-Riposta tal-Kunsill Lokali Gudja

6. Jum il-Gudja 2011

7. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.55p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 28/6 (20/04/2011)**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-20 t' April 2011 li ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel din il-laqgħa ġew approvati nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku - Sur John-Mary Calleja

2.1.1 Dogs Trust. Is-Sindku qal li d-Dogs Trust offriet li tiġi ġewwa l-Gudja sabiex tagħmel Cippa sabiex jingħarfu l-klieb u sidhom kif ukoll toffri servizz li ssewwi l-klieb. Dan is-servizz qed jiġi offrut lir-residenti tal-Gudja bla ħlas kif ukoll issir iċċekkjar tal-klieb dwar is-saħħa tagħom, bejn l-20 ta' Ġunju sal-10 ta' Lulju 2011. Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd 26 ta' Ġunju 2011 sejjer ikun

hemm fil-Pjazza tal-Gudja post imwaqqaf mid-Dogs Trust sabiex joffru s-servizzi tagħhom b' xejn lil dawk kollha li jkollhom bżonn xi servizz sabiex jieħdu ħsieb is-saħħa tal-klieb tagħhom.

Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill assoċja mad-Dogs Trust f' din l-attivita, l-Kunsill mhux sejjer iħallas xejn għal dan is-servizz.

2.1.2 Stand tal-Vodafone. Is-Sindku qal li l-Vodafone Malta talbu li jpoġġu posta fil-Pjazza sabiex fi ftit siegħat jagħtu servizz dwar l-użu tat-telefonija ċellulari. F' din l-attivita l-Vodafone sejra tqassam ukoll xi rigali żgħar lil dawk li jersqu fuq l-istand. Is-Sindku qal li għal din il-post l-Vodafone ħallsu €23.29 u traffiku sejjer jimxi bla tfixkil.

2.1.3 Ħofor ta' l-arblu tal-festa fi Triq William Baker Gudja. Is-Sindku qal illi sejrin isiru ħofor sabiex ikunu jistgħu jintużaw mill-għaqdiet li jorganizzaw il-festi ġewwa l-Gudja.

2.1.4 Ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-ETC irtirat lil Khaled Agael u tagħat lil Joseph Cassar. Il-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura irtira lil Carmelo Vassallo u l-Kunsill ma ngħatax ħaddiem ieħor. Is-Sindku qal li l-pjan tax-xogħol tal-Kunsill sejjer imur lura peress li s-Sur C. Vassallo kien ferm siewi fix-xogħol tal-Kunsill.

2.1.5 Servizz ta' trasport għal Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jara l-aħjar servizz u l-prezz dwar il-ġarr kemm ta' materjal kif ukoll makkinarju li jiġu bżonnu l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill waqt ix-xogħol li jagħmlu f' inħawi differenti tal-Gudja. Il-Kunsill għandu jistħareġ l-possibilita li jixtri van second hand dwar dan is-servizz ta' trasport.

2.1.6 Ħlas mingħand il-Kumitat Konġunt Liġi, dwar l-infurzar tal-liġi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Kumitat Konġunt ħallas is-somma ta' €29000.00 u jidher li dan sejjer ikun l-aħħar ħlas. Il-Kunsill qabel li jkompli jinsisti mal-Kumitat Konġunt sabiex jingħata l-audited accounts sabiex jiġi assigurat li l-pagamenti dovuti lill-Kunsill tal-Gudja jitħallsu kif ikun xieraq.

2.1.7 Xogħol fuq il-bankini u toroq ta' Triq William Baker u Triq il-Kappillan, Gudja. Is-Sindku qal li sejra issir laqgħa kemm mal-Perit Lewis kif ukoll mas-Sur Salvu Mangion sabiex jiġi ippjanat dan ix-xogħol sabiex issir sewwa fi żmien qasir u bl-inqas inkonvenjent għar-residenti, ħwienet u traffiku. Is-Sindku qal li l-ittra lill-kuntrattur għandha tinkludi ukoll penalitajiet jekk ix-xogħol ma' jitkompliex sad-dati miftiehema mal-Kunsill.

**Fażi A:-** Tibda it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2011

Bankina fuq il-lemin tat-triq (in-naħa tal-ħwienet) tibqa sejra u iddur ma' Triq il-Kappillan fuq in-naħa tal-lemin (fuq in-naħa tar-residenza ta' l-Arċipriet)

**Fażi B:-** Meta tkun lesta Fażi A tibda r-*major patching* ta' Triq William Baker u Triq il-Kappillan.

Fażi A u Fażi B għandhom jkunu lesti sat-28 ta' Ġunju 2011

**Fażi Ċ:-** Meta titlesta Fażi B tibda l-bankina fuq in-naħa tax-xellug (in-naħa ta' l-iskola) u tagħmel il-bankina fuq in-naħa tax-xellug ta' Triq il-Kappillan.

Mid-29 ta' Ġunju 2011 il-quddiem ma tistax tingħalaq Triq William Baker Gudja għat-traffiku.

Ix-xogħol kollu għandu jkun lest sa mhux aktar tard mit-08 ta' Lulju 2011.

Jekk ix-xogħol jaqbeż id-dati kif stabbiliti mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill (minn qabel u bil-miktub), il-Kunsill jeżiġi li jkun hemm multi skond kif maħsuba u miftehma fil-kuntratt eżistenti bejn il-Kunsill u Mangion Brothers Żurrieq Ltd.

Xogħlijiet mhux previsti. Jekk ikun hemm xi ċirkustanzi li ma tkunx prevista u li biha x-xogħol jista ma jkunx lest sad-dati indikati, tkun id-deċiżjoni u fid-diskrezzjoni unika tal-Kunsill li jestendi d-data stabbilita għat-tkomplija tax-xogħol wara d-data stabbilita.

Jekk u meta tinqala din iċ-ċirkustanza mhux prevista għandhom javżaw bil-miktub lill-Perit William Lews (Perit tal-Kunsill) immedjatament malli tinqala din iċ-ċirkustanza li tkun sejra teħtieġ li titawwal id-data stabbilita sabiex il-Kunsill ikun jista jikkonsidra l-validita' jew le dwar l'itawwal id-data stabbilita.

Xogħlijiet u Varjazzjonijiet. Il-Kunsill mhux sejjer jikkonsidra jew jaċċetta stejjem dwar xogħlijiet li jistgħu ikunu meħtieġa jekk l-istima jew stejjem ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti:-

i. Ikunu skond ir-rati tal-kuntratt oriġinali

ii. Ikun hemm talba ċara u bil-miktub dwar dawn ix-xogħlijiet

iii. Ikun hemm l-approvazzjoni bil-miktub iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv dwar dawn ix-xogħlijiet, liema approvazzjoni dwar xi varjazzjoni tista' tingħata biss wara din it-talba għal varjazzjoni tkun ġiet diskussa mal-Kunsillieri kollha u wara li dawn ikunu ikkonfermaw l-aċċetazzjoni dwar din il-varjazzjoni jew xogħol ieħor skond kif ikun meħtieġ u qed jiġi mitlub.

2.1.8 Sinjali dwar it-traffiku fi Triq l-Awrekarja, Gudja. Is-Sindku qal li l-Kunsill talab lit-Trasport Malta sabiex tagħmel sinjali tat-traffiku fi Triq l-Awrekarja, il-Gudja sabiex ikun traffiku li jimxi sewwa u li r-residenti ma jkollhomx inkonvenjent bla bżonn. Wara li TM tindika s-sinjali meħtieġa l-Kunsill jitlob lil Koptasin sabiex tiżbogħ dawn is-sinjali kif ikun meħtieġ.

2.1.9 Sinjali ta' traffiku fi Triq San Mark Gudja. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jitlob lit TM sabiex tagħmel sinjali ta' traffiku fi Triq San Mark, il-Gudja.

2.1.10 Triq Joseph Pace, il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex issir sinjal isfar quddiem id-dar tas-Sur Anthony Calleja peress li ta' sikwiet qed ikollu sitwazzjoni li ma jistax joħroġ mid-dar (anke waqt sejħiet t' urġenza) peress li jkun hemm minn jipparkja l-vettura li tiżgombra l-bieb tad-dar tiegħu ġewwa Triq Josep Pace, il-Gudja.

2.1.11 Vjal it-Torri, il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex jagħmel sinjal isfar quddiem is-dar tas-Sur Marlon Muscat.

2.1.12 Programm fuq One TV bi spiża ta' xi €1,000.00. Is-Sinku qal li ġie avviċinat dwar il-booking ta' dan il-programm li jkun sejjer juri l-ħidma tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li tinkiseb aktar informazzjoni sabiex jiġi assigurat li n-nefqa ta' €1,000.00 tkun ta' siewi u ġid kemm għal Kunsill kif ukoll għar-residenti tal-Gudja.

2.2.0 Viċi-Sindku – Sur Romeo Baldacchino

2.2.1 Il-Viċi-Sindku bagħat jinforma lill-Kunsill permezz tas-Segretarju Eżekuttiv dwar xogħlijiet meħtieġa dwar Ġnien Gilormu Cassar u l-funtana u dwar li hemm bżonn li jkun hemm ħaddiema tal-Kunsill assenjati dwar dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li jsir il-manutenzzjoni tal-playing field u attrezzi tagħha kif ukoll li jagħmel il-manutenzzjoni sewwa tal-Ġnien.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Sur Mark Anthony Sammut

a. Attivitajiet mal-KMS. Is-Sur Sammut qal li l-programm ta' attivitajiet dwar l-isport kemm qalb it-tfal kif ukoll tal-adulti qabdu sewwa ġewwa l-Gudja u l-Kunsill għandu jkompli fuq dawn il-programmi għaliex il-Kunsill bi ftit flus qed juri li jkun ta' fejda sabiex jinkoraġixxi l-edukazzjoni fiżika u sport ġewwa l-Gudja u għal kulħadd u f' kull ħin.

b. Bike time trial. Is-Sur Sammut qal li din il-bike time trial saret il-Ħadd 05 ta' Ġunju 2011 u fiha ħadu sehem 27 ruħ. Il-Kunsill ħallas għas-servizz ta' żewġ pulizija sabiex joffru s-sigurta meħtieġa waqt din l-attivita.

c. Night Bike Cross Country. Is-Sur Sammut qal li nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2011 sejra ssir night bike cross country u hemm il-ħtieġa li jkun hemm servizz ta' Pulizija wieħed. Il-Kunsill approva li jitlob u jħallas għas-servizz extra ta' pulizija sabiex joffri s-sigurta meħtieġa.

d. Youth Exchange Bulgarija bejn it-22 sal-31 ta' Lulju 2011. Is-Sur Sammut spjega kif ġew magħżula dawk iż-żgħażagħ li ikkwalifikaw sabiex jipparteċipaw f' din il-Youth Exchange Bulgarija bejn it-22 sal-31 ta' Lulju 2011. Is-Sur Sammut spejga kif ġew magħżula dawk iż-żgħażagħ li ikkwalifikaw sabiex jipparteċipaw f' din il-Youth Exchange. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill ġabar €150.00 mingħand kull żagħżugħ parteċipant. Il-Kunsill qabel u approva li l-Youth Leaders li sejrin jakkumpanjaw u jieħdu ħsieb dan il-grupp li jikkonsisti fi tmientax il-membru, huma s-Sur Stefan Caruana u s-Sur Osvaldo Pace, u li l-Kunsill approva li jħallas s-somma ta' €150.00 għal kull Youth Leader li jakkumpanja dan il-grupp. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill ħallas s-somma ta' €3,000.00 u ġabar s-somma ta' €2,700.00 Il-Kunsill qabel u approva dak kollu li qal il-Kunsillier is-Sur MA Sammut f' dan ir-rigward.

2.3.2 Sur Anthony Dalli.

a. Kors ta' l-ewwel għajnuna. Is-Sur Dalli qal li dan il-kors tal-Ewwel Għajnuna li tmexa mill-Professur Victor Sultana kien ta' suċċess kbir u gawdew minnu bost Gudjani. Meta jagħlaq dan il-kors il-Professur Sultana sejjer iqassam ċertifikat lil dawk li attendew iżjed minn 80% tal-lezzjonijiet. Il-Kunsill sejjer jorganizza festin żgħir għaċ-ċeremonja tal-għoti taċ-ċertifikati u sejrin jiġu mistiedna l-Kunsill kollu u persuni li ħadmu u għenu sabiex issir dan il-First Aid Course. Is-Sur Dalli qal li għal dan qed jiġi ivvotata is-somma ta' €500.00. Id-data u l-ħin tiġi kommunikata aktar il-quddiem għaliex din tiddependi mill-disponibilita tal-Professur Sultana. Il-Kunsill approva dak kollu li qal is-Sur Dalli.

b. Korisjiet oħra li sejrin jiġu organizzati fil-Life Long Learning Centre tal-Kunsill. Is-Sur Dalli qal li qed jiġu maħsuba diversi korsijiet kemm mal-Life Long Learning Centre kif ukoll oħrajn dwar il-ħtiġijiet tar-residenti. Hemm il-ħsieb li noffru korsijiet dwar crafts u oħrajn fil-ħin liberu kemm lit-tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani.

c. Ħarġa għall-Anzjani. Is-Sur Dalli ippreżenta rendikont dwar il-ħarġa. Is-Sur Dalli qal li din kienet suċċess kbir u jidher li dan it-tip t' attivita huma ferm popolari qalb il-Gudnai u bi ħsiebu li jaħdem aktar dwar dan għaliex filwaqt li hkunu ta' divertiment joffru ukoll edukazzjoni anek għal min huwa anzjan. Is-Sur Dalli ta' rendikont li sejjer ikun parti minn dawn il-minuti. Dan ir-rendikont juri li filwaqt li kien hemm parteċipazzjoni tajba ħafna, s-sussidju tal-Kunsill għal din l-attivita hija biss a' €295.40. Il-Kunsill approva dak kollu li qal is-Sur Dalli f' dan ir-rigward.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ra li deħlin ilmenti dwar il-knis u qabel li jkompli jagħfas fuq il-kuntrattur sabiex jagħti s-servizz mixtieq għaliex jekk dan ma jsirx il-Kunsill jieħu passi oħra kontra l-kuntrattur dwar dan is-servizz.

3.1.2 Il-Kunsill ra ukoll illi l-ilmenti qed jiġu mwieġba malli jidħlu sabiex is-servizz lir-residenti jingħata bla dewmien.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ġie infurmat u ħa konjuzjoni dwar diversi ittri li ntbagħtu u qabel li jsegwi l-progress u l-interess tal-Kunsill kif meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ġie infurmat u ħa konjużjoni dwar l-ittri li rċevejna u qabel li jieħu l-passi meħtieġa u segwi l-azzjonijiet dwar l-interess tal-Kunsill.

## 4.0 Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun) u, Bankina u major Patching fi Triq William Baker u Triq il-Kappillan il-Gudja – Progress

4.1.1 Triq l-Awrekarja, il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat li Triq l-Awrekarja hija lesta u wara li l-Perit għamel il-kejl l-Kunsill jaħdem dwar il-penalitajiet li għandu jeħel il-kuntrattur dwar id-dewmien li jlesti din it-triq minkejja l-fatt li kellu jlest sat-13 ta' Mejju 2011. Il-Kunsill qabel li jħallas l-kuntrattur l-akkont għall-bankina kif ċertifikat mill-Perit tal-Kunsill dwar il-bankina għas-somma ta' €9,903.12.

4.2 Parti minn Triq Joseph Gravina, il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat li l-parti li l-kbira minn Triq Joseph Gravina sejra issir mit-TM iżda sejra tibqa parti żgħira li ma tkunx lesta. Il-Kunsill qabel li jipprova jipperswadi lit-TM sabiex anke il-parti ż-żgħira issir mit-TM. Għalhekk il-Kunsill qabel li għalissa josserva u jinsisti sabiex TM tibda x-xogħol malajr kemm jista jkun.

4.3 Triq Ħal Resqun, il-Gudja. Il-Kunsill approva dwar il-pagamenti ta' €25,000.00 li jħallas lill-kuntrattur akkont ta' xogħol t' asfaltar. Dwar il-bankini l-Kunsill qabel li jħallas il-bilanċ wara li jsiru t-testijiet dwar il-ħxuna

tal-konkos. Il-Kunsill għandu jikkonsidra l-aħjar azzjoni li għandha tittieħed dwar ċerti difetti li dehru f' din it-triq relatati ma' maqgħad tal-ilma f' xi postijiet f' din it-triq.

4.4 Bankini u major patching fi Triq W. Baker u Triq il-Kappillan, il-Gudja. Il-Kunsill qabel li issir laqgħa mal-Perit Lewsi nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2011 sabiex isir pjan ta' ħidma sabiex dan ix-xogħol isir fl-iqsar żmien u bl-anqas inkonvenjent. Il-Kunsill qabel li joħroġ l-ittra lill-kuntrattur bil-kondizzjonijiet meħtieġa.

**5.0 Ittra ta' l-Awditur tal-Gvern u Risposta tal-Kunsil Lokali l-Gudja.**

5.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni dwar l-ittra tal-awditur u qabel li jibgħat ir-risposta tal-Kunsill u li l-ittra tal-Kunsill tiġi ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**6.0 Jum il-Gudja 2011.**

6.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-programm ta' Jum il-Gudja 2011u li f' dan il-programm hemm il-parteċipazzjoni tal-membri tal-Kunsill kollha f' diversi oqsma tad-dekasteri tagħhom.

6.2 Il-Kunsill qabel li l-budget għal dan il-programm ikun bħal dak ta' snin oħra u li l-ispiża ma taqbiżx is-somma ta' €2,500.00

**7.0 Finanzi**

7.1 Petty Cash. L-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' April 2011 b' ammont ta' €66.73 ġie approvat kif ippreżentat.

7.2 Skeda ta' pagamenti. Is-skeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2011 għas-somma ta' €50,390.37 ġiet approvata kif ppreżentata wara li ġew imwieġba l-mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda ta' pagamenti.

7.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

7.3.1 Il-Kunsill qabel u approva x-xiri ta' materjal, servizzi u xogħlijiet kif approvati aktar il-quddiem waqt din il-laqgħa u msemmija f' dawn il-minuti.

7.3.2 Il-Kunsill qabel li jordna u jixtri żewġ tabelli ' one way' .

**8.0 Għeluq tal-laqgħa**

8.1 Bicycle lane. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex tagħmel bicycle lane qrib it-triq ta' l-ajruport il-Gudja sabiex dawk li jkun jridu joħorġu bir-rota f' dawn l-inħawi jistgħu jagħmlu dan b' sigurta meħtieġa.

8.2 Il-parti ta' Triq Joseph Gravina issir one way. Il-Kunsill qabel i l-parti ta' Triq Joseph Gravina li tiġi fuq in-naħa tal-Palazz ta' Bettina issir one way, toħroġ biss fuq Triq Ħal Tarxien u tidħol minn Triq Ħal Għaxaq il-Gudja.

8.3 Oney way fi Triq Sta Marija, il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex tagħmel one way mill-biċċa ta' qabel ma' tinżel għal Triq Burġlat il-Gudja.

8.4 Fun Run Puttinu Cares. Il-Kunsill qabel li fil-programm ta' Jum il-Gudja 2011 waqt il-FunRun jiġu organizzati ġabra għal Puttinu Cares billi kull

parteċipant iħallas €5.00 bħala parteċipazzjoni. Dawn il-fondi miġbura jingħata l-fond ta' Puttinu Cares.

8.5 Proġett dwar il-Binjiet fil-Qasam tad-Djar f' Tal-Mitħna, Gudja. Kwestjonarju dwar il-ħtiġijiet tan-nies li jgħixu f' dan il-Qasam.

Il-Kunsill ġie infurmat dwar dan il-kwestjonarju u qabel sabiex issir dak kollu possibli sabiex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jingħata bidu għal għajnuna diretta kemm ta' edukazzjoni kif ukoll bżonnijiet oħra sabiex din il-kommunita li tgħix f' dan il-qasam speċjalment fil-flats tinkseb ħajja aħjar b' mod prattiku u oġġettiv sabiex tkun ukoll sostenibbli b' ħidma kollettiva.

8.6 Xogħlijiet fil-Qasam tad-Djar tal-Mitħna. Il-Kunsill qabel li wara li rċieva l-offerti jagħmel il-preparamenti meħtieġa sabiex dan il-proġett li għalih l-Awtorita sejra toħroġ is-somma globali ta' €75,000.00 (li s-somma ta' €10,000.00 trid tintefaq dwar il-ħtiġijiet tan-nies li jgħixu f' dan il-qasam) tkun bl-anqas inkonvenjent u tikseb s-suċċess meħtieġ billi dawk ir-residenti jkunu jistgħu jgħixu aħjar.

8.7 Traffic lights f' Dawret il-Gudja, il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex tagħmel l-installazzjoni meħtieġa peress li jeżisti perikolu meta n-nies ikunu jridu jaqsmu bejn Dawret il-Gudja għal Triq Bur Ġlat, il-Gudja.

8.8 Pendenza mal-Pada Builders. Il-Kunsill ġie infurmat li waqt l-aħħar seduta fil-Qorti l-avukat tal-kuntrattur talab lill-Kunsill sabiex jipprovdi d-dokumenti meta fil-fatt il-kwistjoni hija fuq bażi li l-Pada Builders qed titlob ħlas li dwaru l-Kunsill m' għandux l-informazzjoni meħtieġa sabiex jagħmel verifika.

8.9 Reserved Parking – quddiem 22, Triq San Ċiru, il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex iħassar dan ir-reserved parking peress li dan mhux meħtieġ aktar.

8.10 Sleeping policeman: Triq il-Palma u Triq Filippu Castagna li tagħti għal Vjal it-Torri, l-Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex jiġu awtorizzati li jagħmel dawn it-traffic calmers sabiex is-sewqan ikun aktar kalm u jevita l-perikolu.

Aġġornament

Il-Laqgħa li jmiss sejra ssir nhar il-Ħamis 30 ta' Ġunju 2011 fil-5.30p.m.

Il-laqgħa għalqet fit-8.25p.m.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | John-Mary Calleja |
| Segretarju Esekuttiv | Sindku |

Approvati: _______________